# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Seduta tal-lum it-Tnejn 27 ta' Mejju, 2024**

**Rikors Ġuramentat Nru.: 863/2022 MH**

**Numru:**

**Anna Vassallo ġja Spiteri**

**vs**

**Mario Spiteri**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors ġuramentat tal-attriċi Anna Vassallo tat-23 ta' Settembru 2022** permezz ta' liema ġie premess u mitlub -

1. *Hija zzewwget Mario Spiteri fid-19 ta' Dicembru 1980. Minn dan iz-zwieg kellhom zewgt' itfal.*

2. *Illi meta izzewwgu fil-bidu marru joqghodu f'dar il-Fgura u din id-dar kienet inxtrat principalment bi flus tal-istess Anna Vassallo anke minn flus li kellha bix-xoghol taghha qabel iz-zwieg.*

3. *Illi sussegwentement dik id-dar zghira tal-Fgura nbieghet u huma xtraw ir-residenza fejn toqghod hija "um u cioe' 14, Blazing Colours, Triq is-Sajf, Mosta.*

4. *Il-partijiet isseparaw fl-2002 skont kuntratt ta' separazzjoni.*

5. *Illi waqt iz-zwieg u ghall-bidu taz-zwieg I-istess Mario Spiteri kien student u dam bla paga tlett xhur u wara kien Health Inspector Grade 1. Wara li dam f'din il-kategorija ghal certu zmien fejn il-qligh tieghu kien minimu baghtuh bhala Field Officer fejn kellu jaghti tlett xhur paga lill-bniedem li poggih hemmhekk. Fil-frattemp l-istess li poggih hemmhekk. Fil-frattemp l-istess attrici kellha tahdem hi u specjalment billi taghmel il-pittura u tbighha u kien minn hekk li l-familja setghet timxi 'l quddiem biex xoghol effettivament taghha.*

6. *Sussegwentement Mario Spiteri ried jimxi 'l quddiem. Sal-bidu huwa ma kellu l-ebda kwalifiki ta' l-A Levels biex jista' jidhol l-universita' però huwa ried li jaghmel l-MA minghajr ma kellu first degree.*

7. *Illi l-attrici kienet qed taghti s-sapport kollu taghha u taghmel is sagrificcji kollha possibbli u immaginabbli halli zewgha jimxi 'l quddiem u jkollu beneficcji ghall-familja kollha, Bix-xoghol taghha hija kienet qed temmen li qed tinvesti ghall-gid tal-familja li kellha digà zewgt'itfal zghar.*

8. *Applika bjex jidhol biex jiehu diploma fl-lTS, Malta fl-1987 u dan skont l-attrici appena l-partit li huwa kien jappoggja dak iz-zmien tah din l-opportunita' ghaliex kien joffri hafna servizzi ta' propaganda.*

9. *Wara li spicca l-ITS ried imur tlett xhur l-lngilterra ma' shabu biex ikun jista' effettivament jaghmel progett bhala work assignment. Ried imur*

*b'sahha. t-tifla z-zghira Gillian kienet ghadha lanqas telqet timxi u Mario Spiteri halla lil Anna Spiteri wahidha ghal tlett xhur shah.*

10. *Fl-1991 kif kien hemm wara l-elezzjoni huwa baqa' jinsisti u minghand in-nies li kien ikun qrib taghhom ottjena li jmur jaghmel l-MA u dan f'Southampton u dan kors ta' sena li kien jiswa £11,500 Maltin fl-1992.*

11. *Fis-sena 1992 huwa mar ghal sena kors fejn ha 11,500 liri Maltin li poggihom effettivament fil-kont tieghu u dan wara li ghamel garanzija bid-dar matrimonjali. Ghallinqas dak iz-zmien kien jghaddilha manteniment ghaliha u ghal uliedhom li baqghu Malta wahidhom. Fil-frattemp il-mara kienet qieghda tistinka bix-xoghol artistiku taghha u x-xoghol barra mid-dar. Dak iz-zmien kienet ukoll diga' mpjegata bhala ghalliema tal-arti. It-taghlim tal-arti dak iz-zmien kien fid-dar bhala lezzjonijiet privati. Kien jirrendi hafna. Eventwalment hija bdiet tghallem fl-iskola governattiva fl-1994.*

12. *Illi fis-sena 2000 huwa ried b'certa insistenza li jitlaq I-Ingilterra u jaghmel tlett snin biex jiehu I-PHD fSouthampton University. F'dan ukoll minhabba intricci politici I-istess Mario Spiteri kien inghata scholarship ta' 50,000 lira Maltin u dan I-ammont inghata lilu u tpogga fil-kont personali tieghu. Din id-darba wkoll id-dar konjugali li ghaliha I-attrici hallset u ghamlet sagrificji kbar kif inghad, tpoggiet f'garanzija mal-gvern kemm-il darba Mario Spiteri ma jikkonkludix il-kors tieghu.*

13. *F'dan iz-zmien mill-2000 'l quddiem u waqt li kien qieghed barra I-istess Mario Spiteri lanqas manteniment ma kien jghaddilha u kollox kien jutilizzah ghalih inniffsu. Fl-istess zmien ukoll huwa kellu I-proprjeta' tieghu il-Fgura u ma ressaqx dik il-proprjeta' bhala garanzija mal-gvern imma*

*ressaq dik Ii kienet tappartjeni lil martu. Dan sa certu punt gab friskju serju I-proprjeta' tal-istess attrici u l-familja li setghet tisfa anke minghajr saqaf fuq rasha. L-attrici ssostni li I-affarijiet kif saru kienu bdew hazin fis-sens li ma kienx hemm la first degree u allura lanqas I-MA ma setghet tinghata u l-PHD ghalhekk inbniet fuq fundamenti zbaljati.*

14. *F'dan il-perjodu waqt li kien qed jaghmel il-PHD mhux biss l-istess Mario Spiteri ma kienx qed jghaddi lanqas manteniment lil martu u li kellha atlura zzomm lill-familja bl-ispejjez bil-paga taghha u bix-xoghol extra taghha, fil-fatt beda relazzjonijiet ma' persuni ohrajn fosthom ma' wahda Angela Mamo Ii kienet air hostes mal-Airmalta.*

15. *. Illi appena spiccat il-PHD saret is-separazzjoni bejn il-partijiet fis-sena 2002.*

16. *Ta' min isemmi li t-tezi tal-PHD giet effettivament iddedikata lil Angela Mamo u waqt li I-partijiet kienu ghadhom mizzewgin.*

17. *Min dawn il-fatti kollha u aktar jirrizultaw, I-istess Mario Spiteri biex javvanza semplitiment lilu nnifsu waqt li kien qieghed iqarraq bl-istess Anna Spiteri, arrikkixxa ruhu indebitament bi spejjez taghha u nkluz l-attivita' artistika taghha u x-xoghol taghha biex zamm il-familja filwaqt li l-flus tal-isholarship zammhom kompletament ghalih. Barra minn hekk, zamm ukoll il-paga fl-istess zmien li baqghet ghaddejja u li lanqas ma halla bhalma kien halla fl-ewwe okkazjoni meta applika ghall-MA. Hallilha biss ammont zghir ta' flus u halla prokura fuqhom li hija qatt ma gibdet hlief meta kienu waslu ghas-separazzjoni.*

*18. L-arrikiment in debitu sar b'dannu taghha ghax hija kienet martu u kienet tahseb li kienet qed tinvesti buona fide fl-avvanz tieghu fl-istess waqt l-avvanz tal-familja. Minflok huwa kien qieghed jahseb ghal rasu u eventwalment meta tajjeb jew hazin, legalment jew mhux legalment ha l-PHD huwa bbenefika mill-istess u kull beneficcju baqa' biss ghalih u ghal hadd izjed.*

*Talbiet:*

*Jghid il-konvenut ghala din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:*

*(1) tiddikjara li l-konvenut arrikkixxa ruhu ngustament b'dannu tal-attrici, u ghadu hekk jarrikkixxi ruhu sal-gurnata tal-lum;*

*(2) tillikwida l-ammont li ghandu jigi rimborsat jew imhallas lill-attrici*

*(3) tikkundanna lill-konvenut ihallas l-ammont li jigi hekk likwidat."*

Rat il-lista tax-xhieda annessa mar-rikors ġuramentat.

Rat **ir-risposta ġuramentata tal-konvenut Mario Spiteri tal-20 ta' Frar 2023**[1] permezz ta' liema tressqu s-segwenti eċċezzjonijiet -

*Illi t-talbiet tal-attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez u dan ghar-ragunijiet segwenti*

***(i) Talbiet frivoli u vessatorji***

*Illi t-talbiet attrici huma frivoli u vessatorji u huma mmirati biss sabiex l-attrici tivvessa lill-konvenut u ma thalliehx jghix hajtu u dan ghas-segwenti ragunijiet:*

*l.(a)il-partijiet huma separati legalment permezz ta' kuntratt tal-5 ta' Marzu 2002 atti Nutar Ivan Barbara f'liema kuntratt il-partijiet iddikjaraw li ma ghandhom ebda pretentensjoni kontra xulxin.*

[1] Fol 12 et seq

*L-attrici kienet riedet Iil Avukat Joe Brincat liema avukat qed jippatrocinha issa u I-esponenti kien qabel li jkollhom avukat wiehed. II-kuntratt sar minn I-avukat tal-attrici Dr Joseph Brincat bi qbil bejn I-attrici u kien gie approvat mis-Sekond Awla tal-Qorti Civili kien kienet il-procedura dak iz-zmien. Meta sar il-kuntratt l-esponenti kien ghadu qed jaghmel il-PH.D. Southamption u kien ilu sena u nofs. Huwa spicca l-PH.D. f'Novembru 2022;*

*(b) Sussegwentement 1-attrici talbet id-divorzju u d-divorzju inghata fil-25 ta' Mejju 2017 Rik. Nru 97/2017 Imh Abigail u li meta hija ghamlet it-talba ghad-divorzju kienet qed tirrikonoxxi li ma ghandha ebda pretensjoni kontra l-esponenti.*

*(c) Gara li l-esponenti sar jaf li l-attrici kisret il-kondizzjoni para 9 tal-kuntratt ta' separazzjoni cioe li hija tibqat ghix fid-dar matrimonjali proprjeta kongunta tal-partijiet sakemm tghix more uxorio. L-esponenti sar jaf li 1-attrici kienet qed tghix ma' ragel iehor fid-dar certu Olaf Cini u qabel kellha rgiel ohrajn u intavola kawza fil-Qorti Civili (sezzjoni tal-familja) kawza nru 35/17 AL liema kawza ghadha pendenti.*

*2. Illi minn dakinhar bdeit il-persekuzzjoni tal-attrici kontra l-esponenti u dan billi:*

*(i) 1-attrici intavolat kawza ohra quddiem 1-istess Qorti kawza numru 272/17 AL li fiha talbet lil Qorti tiddikjara li t-tifla li ghandha l-partner tal-esponenti miz-zwieg precedenti taghha kienet tal-esponenti u li meta l-esponenti pprezenta d-DNA test ex parte maghmul minn Dr Marisa Cassar u meta anke l-esperta tad-DNA li ghazlet hi quddiem il-Qorti z-zewg rapporti cahdu dan hija cediet il-kawza.*

*(ii ) Izda dan ma kien bizzejjed u 1-attrici simultaneament flimkien mal-kawza li cediet intavolat kawza ohra quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili kawza numru 925/2017 Imh TA deciza 12 ta' Jannar 2023 fejn it-talbiet tal-attrici cioe li x-xoljiment tal-kuntratt ta' separazzjoni ta' bejn il-partijiet stante li skond hi tali kuntratt kien vizzjat ghax skond hi l-esponenti kellu tarbija minn Eunice Briffa liema kaz huwa heba minnha ( u dan minkejja li kien hemm zewg testijiet tad-DNA li sostnew li dan mhux minnu) u talbet id-danni izda fil-mori hija cediet it-talbiet*

*għad-danni u t-talbiet l-oħra tagħha ġew miċħuda miċħuda bl-ispejjeż permezz tas-sentenza tat-12 ta' Jannar 2023. L-attriċi appellat minn din is-sentenza.*

*(iii)Issa L-esponenti ġie rinfaċċjat b'dawn il-proċeduri li l-attriċi intavolat fl-20 ta' Settembru 2022 meta l-kawża tagħha dwar ix-xoljiment tal-kuntratt għadha sub judice pendenti fl-appell kawża numru 925/2017 TA , li intavolat l-istess attriċi, u fejn issa ma għadhiex tgħid li l-kuntratt ta' separazzjoni huwa vizjat izda qed tikkontendi li l-esponenti arrikkixxa ruħ ingustament b'dannu għaliha u dan meta l-istess attriċi kellha prokura mill-esponenti u skond l-istess kuntratt ta' separazzjoni para 3(iii) hija kienet ħalset lill-esponenti LM2700 li kienet sehem l-esponenti mil-flus li kien għad hemm il-bank mil-kont tiegħu li minnu kienet tagħmel użu lattriċi permezz tal-prokura ġenerali li ħallielha l-esponenti qabel ma mar jagħmel il-Ph.D. l-Ingilterra.*

3. *Ir-raġunijiet għaliex it-talbiet tagħha huma frivoli u vessatorji jirriżultaw kemm mil-premess kif ukoll mir-rikors ġuramentat tagħha stess fejn hija tammetti li kull kors li mar żewġha kien waqt iż-żwieġ tagħha miegħu, u tammetti wkoll li ilha separata legalment mis-sena 2002 (para 4 rikors ġuramentat) u tammeti wkoll li l-korsijiet li għamel żewġha saru fiż-żwieġ u għalhekk kienet taf bihom meta sar il-kuntratt ta' separazzjoni u meta hija sussegwentement applikat għad-divorzju.*

4. *Oltre dan kif jirriżulta mill-annessi dokumenti meta sar il-kuntratt ta' separazzjoni l-esponenti kien għadu qed jagħmel il-Ph.D. u mhux minnu dak li qed tallega l-attriċi li żewġha kien lesta l-Ph.D.; għalkemm anke kieku stess la l-attriċi għogobha tiddikjara fil-kuntratt ta' separazzjoni li hija kienet kuntenta bil-kuntratt, li meta intavolat il-proċeduri għad-divorzju hija ddikjarat li kuntenta bil-kuntratt ta' separazzjoni, u li fil-kawża quddiem l-Imħallef Toni Abela qed titlob li l-kuntratt jiġi xolt u issa b'din il-kawża jidher li reġa bdiela u qed tirriafferma li l-kuntratt ta' separazzjoni huwa validu iżda li żewġha sar sinjur minn fuq dahar il-ħidma tagħha.*

*Il-kuntratt huwa ligi bejn il-partijiet u jezisti l-element ta' pacta sunt servanda.*

*Illi bhala dokumenti jissostanzjaw principalemtn dan kollu l-esponenti qed jirreferi ghas-segwenti dokumenti esebiti mar-risposta guramentata:*

5. *Il-kuntratt huwa ligi bejn il-partijiet u jezisti l-element ta' pacta sunt servanda.*

6. *Illi bhala dokumenti jissostanzjaw principalemtn dan kollu l-esponenti qed jirreferi ghas-segwenti dokumenti esebiti mar-risposta guramentata:*

a. *Kuntratt tas-separazzjoni tal-partijiet datat 5 ta' Marzu 2002 atti Nutar Ivan Barbara*
b. *Certifikat taz-zwieg li juru li z-zwieg ta' bejn il-partijiet gie xolt (divorzju) liema talba saret mill-attrici u z-zwieg gie xolt fil-25 ta' Mejju 2017.*
c. *Kopja legali tar-rikors guramentat tal-esponenti u tan-nota tal-eccezzjonijiet tal-attrici fil-kawza numru 35/2017 AL li permezz taghha l-esponenti qed jitlob sabiex l-fond fejn tirrisjedi l-attrici jinbiegh;*
d. *Kopja legali tal-atti tal-kawza 272/2017 AL li permezz tieghu l-attrici talbet li t-tifla tal-partner tal-esponenti hija t-tifla tal-esponenti stess liema kawza cedieta l-attrici stess wara li rat li zewg rapporti tad-DNA ma tawhiex ragun.*
e. *Kopja legali tas-sentenza fl-ismijiet Anna Vassallo vs Mario Spiteri deciza mil-Prim Awla imh Toni Abela kawza numru 925/2017 deciza fit-12 ta' Jannar 2023 li hemm appell pendenti mill-attrici li juri li f'din il-kawza l-attrici qed titlob li l-kuntratt ta' separazzjoni ta' bejn il-partijiet jigi xolt ghax il-kunsens taghha kien vizjat ghax regghet qed tikkontendi li l-esponenti ghandu tifla minn Eunice Briffa meta l-esponenti dejjem cahad dan u anke z-zewg dna tests jikkonfermaw dan.*

***(ii) Preskrizzjoni ai terminu tal- Artikolu 2156(f) Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta***

1. *Illi minghajr pregudizzju ghal premess, u galdarba l-partijiet huma divorzjati hemm lok ghal preskrizzjoni.*

2. *L-esponenti qed jeccepixxi l-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 1027 u 2156(f) tal-Kodici Civili tenut kont li l-attrici ilha taf b' dak kollu li qed issemmi fir-rikors guramentat saru kollha fiz-zwieg u bil-kunsens tal-attrici u dan minghajr pregudizzju ghal dak li ser jinghad mill-esponenti dwar il-mertu. Il-partijiet izzewgu fid-19 ta' Dicembru 1980 u sseparaw legalment fil-5 ta' Marzu 2002 u ddivorzjaw fil-25 ta' Mejju 2017.*

*Kif gie itenut mil-Qrati fosthom* ***Mary Balzan vs David Jaccarini*** *Prim Awla 17.1.2014:*

*"(i) l-ewwel, tieni, hames u sitt talba huma preskritti skond l-artikolu 2156(ff)tal-Kodici Civili.*

*Ghall-azzjoni de in renz verso 'henrnz. r provvediment ad hoc li jistablixxi terminu preskrittiv. Il-preskrizzjoni applikabbli hi dik ta' hames snin kontemplata fl-imsemmi provvediment (ara sentenza ta' din il-Qorti per JRM fil-kawza tasika auto limited vs Jason Mizzi tas-17 ta' April 2012).*

*L-istess sentenza Balzan vs Jaccarini tispecifika wkoll minn meta l-hames snin ghandhom jibdew jiddekorru:*

*"Il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dakinhar li l-azzjoni tista tigi exercitata (artikolu 2137 tal-Kodici Civili). Fil-fehma tal-qorti dan ma kienx meta l-konvenuta gie zgumbrat mill-fond. Il-konvenut qighed isostni li l-arrikkiment indebitu jikkonsisti fl-ispejjez li ntefqu sabiex sar x-xogholijiet, tant li qed jitlob il-hlas tal-ispejjez kollha li jghid li saru fil- fond. Meta bil-mod kif ippropona t-talba qieghed jiehu posizzjoni fis-sens li 1-arrikkiment sehh meta sar ix-xoghol tant li qieghed jitlob il-hlas tal-ispejjez kollha li jallega li saru. "*

*U fil-kawza Anthony Pace et vs Maria Pace P.A. (LSO) 25 ta' April 2017 gie ritenut:*

*"Ikkundsidrat l l-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dakinhar li l-azzjoni tista tigi ezercitata (l-Artikolu 2137 tal-Kodici civili). Skont din id-*

*dispozizzjoni tal-ligi c-cirkostanzi partikolari ta' persuna li kontra taghha jkun ghaddej iz-zmien preskrittiv ta' azzjoni li tista tiehu ma humiex ta' xkiel biex dak iz-zmien jibda jimxi. Dan ifisser li z-zmien tal-preskrizzjoni ta' azzjoni, ladarba huwa wiehed estintiv tal-istess azzjoni, jibda ghaddej minn dakinhar li jitnissel il-jedd, jew l-ghemil mahsub li jwaqqaf dak il-jedd. (Baudry Lancantinerie & Tissier Trattato Teorico-Pratico di Diritto Civili (3a Ediz.), "Della Prescrizione" 364 pag 279).*

3. *Li ghalhekk il-preskrizzjoni tibda tiddekorri minn dakinhar li saru l-courses li qed tallega l-attrici: dak ta' health inspector para 5 dan kien fil-bidu taz-zwieg cioe fis-sena 1980 u dan kif tammetti hi fl-istess paragrafu, u fis-sena 2000 l-esponenti beda l-Ph.D kif qed tammetti l-attrici stess fir-rikors guramentat u huwa spicca mil-kors u rritorna Malta wara l-kuntratt ta' separazzjoni cioe f' Novembru 2002. Il-kuntratt ta' separazzjoni sar fil-5 ta' Marzu 2002 meta l-attrici kienet taf li zewgha qed jaghmel il-Ph.D. hija ssemmi dak li gara fis-sena 1987 kors l-ITS, fis-sena 1991 l-masters Southampton.*

4. *Illi jekk ghal grazzja tal-argument l-attrici tikkontendi li hija waqfet li tgawdi minn l-istudji li ghamel zewget meta hija sseparat legalment minn mieghu xorta jibqa l-fatt li mid-data tal-kuntratt ta' separazzjoni li sar fil-5 ta' Marzu 2002 ghaddew aktar minn hames snin.*

5. *Li ghalhekk it-talbiet tal-attrici huma preskritti.*

6. *Illi a fini ta' preskrizzjoni l-esponenti qed jirreferi principalment ghas-segwenti dokumenti esebiti ma' din ir-risposta guramentata: Kuntratt tas-separazzjoni tal-partijiet datat 5 ta' Marzu 2002 atti Nutar Ivan Barbara*

a) *Certifikat taz-zwieg li juri li z-zwieg taghhom gie mahluh (divorzju) fil-25 ta' Mejju 2017*
b) *Kuntratt tali scholarship li ha l-esponenti mil-Gvern meta mar jaghmel il-Masters L-ingilterra*
c) *Kuntratt ta li scholarship li ha l-esponenti mil-Gvern meta ma jaghmel l-Ph.D. l-Ingilterra*
d) *Ic-certifikat tal-Ph.D. tieghu li juri li huwa spicca l-kors f'Novembru 2002.*

***(iii) Dwar l-azzjoni attrici ghall-arrikkiment indebitu***

1. *Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda wkoll minghajr pregudizzju ghal premess, stante li ma jissustiux l-elementi ta' din l-azzjoni li huma:*

*(a) Il-vantagg jew utilita minhabba xi gid ta' haddiehor li ghadda ghand il-konvenut bla ma sar il-hlas ghalih ossija l-arrikkiment ingustifikat ('l'arrichimento');*

*(b) ln-ness ta' kawzalita bejn il-hidma tal-attur u l-vantagg jew l-arrikkiment tal-konvenut; u*

*(c) Il-konvenut li jkun ircieva l-hidma tal-attur, ikun arrikkixxa ruhu b'dak li ghadda ghandu fil-patrimonju tieghu u dan minghajr ebda titolu. Dan huwa element li l-gurista Baudry Lacantinerie "Delle Obligazione" VOI IV pag 550 jiddikrivi bhala "il carattere ingiusto dell'arricchimento."*

2. *Illi l-elementi tal-azzjoni ma jissussistux stante li l-esponenti dejjem studja fuq scholarships, u mhux a spejjez tal-attrici, u li meta l-partijiet isseparaw legalment l-attrici kienet taf xi flus kellu 1-esponenti il-bank u dan ghaliex kellha l-prokura li ta hu u li baqghet ghandha sa dakinhar tal-kuntratt ta' separazzjoni u li permezz tal-istess prokura hija kienet taf l-bilanc li kien hemm il-bank u kif jirrizulta minn l-istess kuntratt ta' separazzjoni hija para 3(iii) hija kienet halset lill-esponenti LM2700.*

4. *Illi l-attrici qed konvenjentement tinsab li hija thalliet tgawdi d-dar li ghandhom l-partijiet konguntivament gewwa l-Mosta sakemm hija tibqa tghix ut more uxoria;*

5. *Li ghalhekk 1-attrici ma tistghax tghid li hija sofriet xi telf b'detriment tal-esponenti; kif l-esponenti meta gab certifikati minn barra u anke l-Ph.D dan ma sarx a skapitu tal-attrici meta sar bi qbil maghha tant li hija ffirmat anke l-kuntratt ta li scholarsips mal-Gvern li ha l-esponenti meta mar jistudja barra minn Malta.*

6. *Kif gie ritenut fil-kawza Anthony Pace et vs Maria Pace sucitata:*

*"Illi isegwi u dan huwa assodat fil-gurisprudenza nostrali li lecitu li wiehed jaghmel profit a skapitu ta' haddiehor. Koncettwalment, il-*

*profitt huwa dak li ghandu dritt ghalih il-persuna li tkun ghamlet din it-tip ta' kawza u f'dan il-kuntest il-persuna li tkun inkorriet tali indebitu hija intitolata li tircievi kumpens gust li ghandu allura jkun simili jew jekwivali ghall-valur tal-benbefikati jew miljoramenti li saru. Fil-fatt fil-**kawza Emanuel Bartolo vs Victor Micallef (PA - 28 ta' Ottubur 2004)** inghad li:*

*"Ghalhekk il-limiti tal-azzjoni huma l-qies tal-vantagg li t-terza persuna tkun kisbet minhabba l-ispejjez minfuq mit-terz u ghandha l-mira li terga trodd l-ekwilibriju bejn il-patrimonju ta' min ikun staghna u dak tal-parti li tkun ghamlet jew nefqet spejjez biex dan ikun sehh. Billi din l-azzjoni ghandha l-gherq taghha fl-istitut tal-kwazi-kuntratt, irid jitwera li l-fatt huwa wiehed lecitu u volontarju u li minnu titnissel obbligazzjoni u li l-fatt ma jkunx sehh kontra l-projbizzjoni espressa tal-parti interessata."*

7. *Li mil-provi ghandu jirrizulta li l-esponenti ma staghnax a dannu tal-attrici u li l-kwalifici tieghu ma sarux bil-hidma tal-attrici u li jekk wara s-separazzjoni legali tal-partijiet l-esponenti ggradwa Ph.D. dan ma sarx bis-sahha tal-attrici.*

***(iv) Dwar il-premessi fir-rikors guramentat tal-attrici l-esponenti jirrileva dan li gej:***

1. *Meta l-partijiet izzewgu fid-19 ta' Dicembru 1980 l-attrici kienet tpitter u tbiegh l-inkwatri u dak li kienet iddahhal kienet tpoggihom fil-kont personali taghha; filwaqt li l-esponenti kien trainee health inspector u kellu wkoll paga.*
2. *Re para 2 id-dar tal-Fgura l-partijiet halsuha nofs bin-nofs u mhux bi flus tal-attrici kif qed tallega fl-istess paragrafu. Kieku fil-kuntratt ta' separazzjoni kienet titlob ghal dawn il-flus.*
3. *Re para 3 id-dar tal-Mosta inxtrat bil-flus li ircevew il-partijiet mil-bejgh tad-dar tal-Fgura cioe LM600 u xtraw il-fond tal-Mosta minghajr loan cioe bil-flus li kellhom imgemmghin. Id-dar tal-Mosta inxtrat LM6500 u li ghalhekk ma jistghax jinghad li l-attrici kienet hi biss il-breadwinner meta dak iz-zmien hija kienet tahdem mid-dar billi tpitter xi inkwatru u taghti lezzjonijiet.*

4. *Re para 5: l-esponenti lahaq Health Inspector Grade fi Frar tas-sena 1981 cioe anqas minn tlett xhur minn meta zzewweg. Il-paga tal-esponenti dejjem marret fil-kont li kellu l-attur il-Mid Med Bank llum HSBC (Malta) plc u l-attrici kellha prokura tal-esponenti u kull ma kien hemm bzonn kienet tiehu minn dan il-kont. L-attrici kienet tohrog ukoll ghal hajja. Dan minbarra li l-esponenti kien jaghmel xoghol bhala part time waiter.*

5. *Re para 6 u para 10: A levels l-esponenti ghandu Chemistry u Biology u hdax il-'O' level. Wara li kien gab ukoll A level fil-Computer Science. Veru li l-esponenti mar jaghmel il-Masters fil-Health Education f'Southamption University u dan fuq scholarship imhallas b'kollox u baqa bil-paga liema paga kienet tehodha kollha hi. Dan sar fis-sena 1991-1992 u dan sar bi qbil maghha tant li kienet tmur hdejh ta' spiss Southampton fejn kien qed jistudja. Ghal Masters f'southamption dan kien scholarship u l-esponenti ma hallas sold u l-valur tal-kors £11,500 kien halsu l-Gvern mhux hu ghax hu kien fuq scholarship u ma hallas xejn.*

   *Dan il-kors huwa kien obligat jaghmlu biex jiehu l-kariga ta' Professional Officer IIA fi hdan il-Health Education Unit wara li kien telaq mit-Turizmu. L-esponenti kien lesta l-kors u gie lura Malta fis-sajf tas-sena 1993. L-attrici stess tammetti a para 12 li l-esponenti kien jghaddilha manteniment ghaliha u ghal uliedhonn li baqghu Malta — huwa l-paga kollha kien jghaddilha ghax meta kien l-Ingilterra huwa kien jghix bl-allowance tal-course li kien bizzejjed.*

6. *Re Para 7: il-paga tal-esponenti kienet tmur ghandha. Kellu paga dak iz-zmien LM350 fix-xahar u mhux LM220 kif qed tikkontendi l-attrici, u hija ma kienetx ghada tahdem ghajr li kull nhar ta' Sibt taghti xi lezzjonijiet tal-privat.*

7. *Re Para 8 u 9: l-esponenti biddel ix-xoghol fis-sena 1986 u mar jahdem mal-Ministeru tat-Turizmu bhala Field Officer u l-course tad-diploma tal-ITS li ghamel fis-sena 1987 kien waqt il-hin tax-xoghol u kien parti mix-xoghol tieghu. Ghal din id-diploma huwa ma hallas xejn ghax kien intbaghat mil-Ministeru biex jaghmel dan waqt il-hin tax-xoghol.*

8. *Re para 9: it-tlett xhur l-Ingilterra kienu parti mid-diploma kors fl-ITS u l-esponenti kellu jmur bilfors ghax kien parti mil-kors u l-kors kien obligatorju fix-xoghol li kellu. Tul dawn it-tlett xhur li ghamel fir-Royal York Hotel f' York l-Ingilterra l-paga tal-esponenti kienet baqghet ghaddejja u kienet tmur fil-kont tal-esponenti u l-attrici kellha l-prokura u kienet tuza dan il-kont ghal dak li jkun hemm bzonn.*

9. *L-esponenti jirrileva li dak iz-zmien l-attrici ghamlet taqliba shiha d-dar billi bniet sular iehor u ghamlet it-tarag tad-dar tal-irham , qalet il-madum kollu tad-dar u ghamlitu irham tat-tip gialoro li xtrat minghand Hal Mann nefqet aktar minn LM18,000 ghal dawn ix-xogholijiet liema flus hija hadet mil-kont bankarju f'isem l-esponenti fejn kienet tidhol il-paga tieghu u li tieghu l-attrici kellha l-prokura minghand l-esponenti.*

10. *Re para 11: l-esponenti kif jista jiehu £11,500 u poggihom fil-kont tieghu, meta huwa kien ha scholarship mil-Gvern ta' Malta. Is-somma ta' LM11,500 li jirrizulta li l-Gvern ta' Malta hallaslu ghal li scholarship li ha ghal Masters f'Southampton din is-somma mhux ghaddiet lill-esponenti fi flus kif qed tallega l-attrici izda thalset mil-Gvern ta' Malta lill-Universita ta' Southamption.*

11. *Re para 12: rigward l-PH.D. naf li kienet harget call interna ghax dak iz-zmien jien kont nahdem il-Health Education Unit bhala Professional Officer ghal scholarship ghal PH.D in Adolescent Health. L-esponenti kien ddiskutiha mal-attrici u hija heggitu biex imur tant li meta inqalghu xi intoppi u l-esponenti kien ser jinqabez l-attrici heggitu biex jifthu kawza kontra l-Gvern u hekk ghamlu. Gara li li scholarship inghatalu wara li dik li intaghzlet ma marretx u ghalhekk il-kawza giet ceduta. Li scholarship kien ikopri kollox- tuition, accomodation, travel, allowance ghar-ricerki plus li kien baqa jircevi l-paga. Difatti l-esponenti fuq study leave with full pay. Il-paga wkoll kienet tidhol fil-kont tal-esponenti u hija tuza l-prokura li l-esponenti kien ghamlilha.*

12. *Re para 14 — l-esponenti dejjem ghadda manteniment ghax il-prokura li kellha baqghet sal-mument tal-kuntratt ta' separazzjoni u l-paga baqghet dejjem tidhol f'dan il-kont.*

13. *Re para 15 — Gara li l-esponenti riditu jieqaf mil-Ph.D. fis-sena 2001 izda huwa ma riedx jieqaf nofs triq kemm ghax kieku jaghmel hekk kien somma li kien ikollu jghati lil Gvern u flus ma kellux minn fejn ihallas din is-somma. L-esponenti kien jigi Malta spiss u darba minn f'Settembru 2001 qaltlu biex ma jmurx aktar ikompli l-Ph.D u huwa spegalha li jekk ma jkomplix ser jehlu l-multa li kellu skond il-kuntratt. Gara li l-attrici din ma riedetx taccettaha u minbarra li kienet ordnatlu biex ma jaghmel ebda kuntatt ma' familja hija kienet iccempillu l-Ingilterra anke fis-saghtejn ta' filghodu theddu li jekk mhux ser jieqas kienet ser tarmilu kull m'ghandu d-dar barra fit-triq. Kien imbaghad li l-attrici talbet is-separazzjoni u qaltlu biex imorru flimkien ghand l-avukat taghha Dr Joseph Brincat u hekk sare Wara li sar il-kuntratt l-esponenti kompla l-Ph.D.*

14. *Li mhux minnu li 1-kuntratt tas-separazzjoni sar meta l-esponenti kien spicca l-Ph.D. Anzi s-separazzjoni saret wara li l-attrici rat li ma ghaddietx taghha meta qaltlu biex ma l-Ph.D.*

15. *Re Para 16 it-tezi tal-Ph.D. giet dedikata lil kull min ghen lill-esponenti u mhux lil Angela Mamo biss. L-esponenti iltaqa ma' Angela Mamo wara li sseparaw u qatt ma kellu relazzjoni nnaghha ghajr dik ta' hbiberija.*

17. *Re para 16 — flus minn li scholarship l-esponenti ma qala xejn. Il-paga baqghet ghaddejja fiz-zewg scholarships li ha u l-attrici kellha l-prokura tal-esponenti u kienet tiehu l-flus ghal hajja minn dan il-kont.*

18. *Re Para 18 — l-esponenti wara li sseparaw legalment il-partijiet huwa ha l-Ph.D. u l-introjtu li gginera kien wara li 1-partijiet sseparaw legalment u bil-hila tieghu biss. Qabel il-paga dejjem marret ghal bzonnijiet tal-familja.*

19. *Waqt iz-zwieg anke l-esponenti ghamlet coarses sabiex tavvanza fil-karriera personali taghha - fis-sena 1999 marret xahar l-Ingilterra Wimbledon School of Art a spejjez tal-partijiet kif ukoll ghamlet coarse f'Cornwall l-Ingilterra wkoll , u hawn Malta ghamlet course ta' sena mal-Education Department fil-pedagogija u applikat ukoll ghal Masters in Art fil-Wimchestor School of Art l-Ingilterra u ma kienux accettawha u dan kien fi zmien meta l-esponenti intaghzel ghal PH. D. Dan kien kors jiswa 15,000 lira sterlina u kienu ftehmu li l-esponenti*

*jibqa Malta bit-tfal jekk hija tintaghzel u tmur l-Ingilterra biex tistudja bil-hsieb li bil-Masters kienet iggib il-warrant ta' teacher mal-ewwel u b'hekk ma tibqghax intructress kazwali aktar . Kien wara li l-attrici ma gietx accettata ghal dan il-kors li l-esponenti applika ghal PH. D. L-attrici ukoll ghamlet correspondence course ta' sena fil-graphic art mal-universita fl-Ingilterra u dan a spejjez tal-partijiet u dan kien fis-sena 1997.*

*20. L-esponenti jaghmel referenza ghad-dokumenti esebiti ma' din ir-risposta guramentata u primarjament ghas-segwenti:*

*Kuntratt tali scholarship li ha l-esponenti mil-Gvern meta mar jaghmel il-Masters L-ingilterra*

*Kuntratt ta li scholarship li ha l-esponenti mil-Gvern meta ma jaghmel l-Ph.D. l-Ingilterra*

*Ic-certifikat tal-Ph.D. tieghu li juri li huwa spicca l-kors f' Novembru 2002.*

*Il-preface li nizzel fl-istess tezi tal-Ph.D. tieghu sabiex juri li huwa nizzel diversi nies ghal ringrazzjament mhux lil Angela Mamo biss;*

*Wiehed mic-cheque books u li l-esponenti irnexxielu jsib minn dawk kienet tuza l-attrici bil-prokura li kien ta l-esponenti meta huwa kien imsiefer fuq kors u anke meta kien Malta li juru l-kitba tal-istess esponenti.*

*Kuntratt tal-akwist mil-partijiet tad-dar tal-Mosta datat tal-1 ta' Novembru 1986 atti Nutar Arthur Ebejer u li juri li l-post thallas kollu cash mil-partijiet mal-kuntratt.*

*(vi)Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.*

*(vii)Illi l-esponenti ma ghandux ibaghti spejjez.*

Rat id-dokumenti u l-lista tax-xhieda annessa mar-risposta ġuramentata.

Rat li waqt is-seduta tas-26 t'April 2023 il-Qorti ordnat l-inverżjoni tal-provi in vista tal-eċċezzjoni dwar il-preskrizzjoni u l-kawża ġiet differita għall-provi dwar l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tal-konvenut.

Rat il-provi tal-partijiet u n-Noti ta' Sottomissjonijiet tagħhom dwar dawn l-eċċezzjonijiet.

Rat li l-kawża tħalliet għall-lum għas-sentenza preliminari dwarhom.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

**Ikkunsidrat:**

Permezz tal-proċeduri odjerni l-attriċi qegħda titlob lill-Qorti tiddikjara li l-konvenut arrikkixxa ruħu nġustament b'dannu għaliha u għadu hekk jagħmel sal-lum. Hija qegħda għalhekk titlob mingħand il-konvenut ir-rimbors tal-ammont likwidat mill-Qorti.

Minn naħa tiegħu l-konvenut jirrespinġi l-pretensjonijiet tal-attriċi fil-fatt u fid-dritt.

Is-sentenza tal-lum hija limitata għall-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tal-konvenut marbuta mal-frivolożita' u l-vessatorjeta' tal-azzjoni attriċi kif ukoll mal-preskrizzjoni tal-azzjoni.

Jiġi sottolineat li f'dan l-istadju l-Qorti ma tidħolx fil-kunsiderazzjonijiet rigwardanti l-mertu tal-arrikkiment indebitu *per se* iżda dak li l-Qorti trid tevalwa huwa jekk, l-eċċezzjonijiet preliminari mressqa humhiex ta' ostaklu jew le għall-prosegwiment tal-każ fil-mertu.

**L-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut** tgħid li t-talbiet attriċi huma frivoli u vessatorji in kwantu huma mmirati biss sabiex l-attriċi tivvessah u ma tħalliehx jgħix ħajtu għar-raġunijiet indikati fl-istess eċċezzjoni.

Sintetikament mill-provi mressqa għal fini ta' dawn l-eċċezzjonijiet jirriżulta li l-attriċi u l-konvenut kienu żżewġu fid-19 ta' Diċembru 1980 u minn dan iż-żwieġ twieldu żewġt itfal. Il-konjuġi sseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat 5 ta' Novembru 2002 u sussegwentement permezz ta' sentenza tal-Qorti datata 25 ta' Mejju 2017 ġie pronunzjat id-divorzju ta' dan iż-żwieġ.

L-allegazzjonijiet tal-attriċi u t-talbiet konsegwenzjali huma marbuta ma' episodji li seħħew waqt iż-żwieġ. Fost oħrajn hija tagħti dettalji dwar il-perkors tiegħu biex javanza fil-karriera nkluż meta ottjena borża ta' studju u mar jistudja barra minn Malta u anke l-impenn tagħha biex tagħtih is-sapport tagħha kollu u fl-istess ħin tibqa' tieħu ħsieb il-familja. Ċirka lejn l-aħħar sentejn taż-żwieġ, meta huwa kien qiegħed jagħmel il-Ph.D hija tallega li ma kienx lanqas jgħaddilha manteniment u allura hija kellha taħdem aktar biex tlaħħaq mal-ispejjeż tal-familja. Fl-affidavit tagħha tat aktar dettalji dwar il-komportament ta' żewġha matul iż-żwieġ.

L-attriċi ssostni li mill-fatti kollha minnha elenkati, l-konvenut biex jiggwadanja hu, arrikkixxa ruħu ndebitament bi spejjeż tagħha nkluż l-attivita' artistika tagħha tal-arti u x-xoghol tagħha biex żamm il-familja filwaqt li l-flus tal-isholarship żammhom kompletament għalih. Barra minn hekk, hija ssostni li hu żamm ukoll il-paga li baqghet ghaddejja fl-istess zmien li kien qiegħed jistudja għall-Ph.D.

L-attriċi żżid tgħid li l-arrikiment indebitu sar b'dannu għaliha bħala martu f'dik l-epoka meta hija kien mingħaliha li qed tinvesti fl-avvanz tieghu u kwindi fl-avvanz tal-familja. Tallega li kuntrarjament għaliha, l-konvenut kein qiegħed

jaħseb għall-interessi tiegħu biss u saħansitra meta lesta l-PHD fis-sena 2002 kull benefiċċju marbut magħha gawda minnu hu.

Il-Qorti tosserva li meta l-attriċi u l-konvenut isseparaw fil-5 ta' Marzu 2002 huma ddikjaraw li –

***"Salv il-premess il-partijiet jiddikjaraw illi <u>m'għandhom ebda pretensjoni ulterjuri kontra xulxin u jagħtu kwittanza l-aktar ampja, definittiva u ġenerali." (enfasi ta' din il-Qorti.).</u>***

Il-Qorti ħadet konjizzjoni wkoll tal-proċeduri ntavolati mill-partjiet kontra xulxin matul is-snin. Fosthom jiġi nnutat li fil-kawża Rik Ġur 925/17 fl-ismijiet *Anna Vassallo ġja Spiteri vs Mario Spiteri* l-attriċi odjerna kienet talbet lill-Qorti tiddikjara bħala null u bla effett fil-liġi u kwindi tordna r-rexissjoni tal-kuntratt ta' separazzjoni tal-5 ta' Marzu 2002. Dan stante li fil-fehma tagħha l-ftehim imsemmi ġie karpit b'egħmil doluż da parti tal-konvenut u/jew li l-kunsens tal-istess attriċi ġie mogħti bi żball dwar fatt li jaqa' fuq is-sustanza nnifisha ta' l-oġġett tal-ftehim. B'sentenza tat-12 ta' Jannar 2023[2] din il-Qorti diversament preseduta ċaħdet dawn it-talbiet u sussegwentement b'sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-7 ra' Diċembru 2023 is-sentenza tal-ewwel Qorti ġiet konfermata.

**Bis-saħħa ta' dawk il-proċeduri, l-kuntratt ta' separazzjoni tal-2002 ġie għalhekk ikkonfermat bħala validu u utli għal dak fih miftiehem.**

Minn dan isegwi li dak li ntrabtet bih l-attriċi f'tali kuntratt għandha tibqa' tonorah inkluż il-klawsola suċċitata. Il-kuntratt tal-5 ta' Novembru 2002 jikkostitwixxi liġi bejn il-partijiet u mhuwiex aċċettabbli li għoxrin sena wara, l-attriċi tiddeċiedi unilateralment li terġa' tiftaħ beraħ kwistjonijiet matrimonjali u

[2] Fol 40 et seq

pretensjonijiet ta' ħlas li kienu ġew ormai magħluqa bil-ftehim imsemmi. Ħazin jekk hi ma fehmitx is-sinifikat tal-kliem kwittanza, oltre li ma tantx jagħmel sens li llum snin snin wara tqajjem kwistjoni li kienet ġia ben magħrufa għalija meta kien qed jispiċċa ż-żwieġ.

Dan jikkostitwixxi abbuż tal-proċess ġudizzjarju u l-Qorti ma tistax ħlief tasal għall-konklużjoni li l-proċeduri odjerni huma frivoli u vessatorji.

B'żieda ma' dan, anke mill-proċeduri għad-divorzju ntavolati mill-attriċi odjerna u deċiżi fil-25 ta' Mejju 2017 ma jirriżultax li hija kienet għadha qed tivvanta xi pretensjonijiet kontra l-attur.

Għalhekk hija nkonċepibbli l-azzjoni tagħha odjerna f'dan l-istadju meta hija kellha kull opportunita' kemm fis-separazzjoni u d-divorzju li tvanta l-pretensjonijiet li tressaq illum tant u tant tardivament.

**L-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut hija għalhekk ġustifikata u sejra tiġi milqugħa.**

Il-Qorti tista' tieqaf hawn iżda għal kull buon fini ser tagħmel is-segwenti kunsiderazzjonijiet fir-rigward **tat-tieni eċċezzjoni tal-konvenut** tissolleva l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ai termini tal-artikolu 2156 (f) u l-artikolu 1027 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

**L-artikolu 2156 (f) tal-Kap 16** jipprovdi hekk -

*"2156. L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' ħames snin:*

*(....)*

*"(f) l-azzjonijiet għall-ħlas ta' kull kreditu ieħor li ġej minn operazzjonijiet kummerċjali jew minn ħwejjeġ oħra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skont din il-liġi jew liġijiet oħra, taħt preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirriżulta minn att pubbliku;"*

Ingħad hekk dwar dan l-artikolu fil-każ **Montebello Enterprises Ltd vs Paolo Soldi et deċiż fil-25 ta' Novembru 2015 -**

*"Illi bħal kull eċċezzjoni oħra l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni għandha tingħata interpretazzjoni restrittiva. Illi huwa principju stabbilit fil-ġurisprudenza nostrana illi l-preskrizzjoni taħt l-**Artikolu 2156 (f) tal-Kap. 16** hija soġġetta għal interpretazzjoni eiusdem generis.*

*Għaldaqstant, il-kelma "kreditu" minħabba fir-restrizzjoni tar-regola ta' interpretazzjoni ta' eiusdem generis, tiġbor fiha biss jeddijiet li huma ta' l-istess natura bħal jeddijiet l-oħra imsemmija fl-**Artikolu 2156.** F'dan il-kuntest, ta' min igħid li l-ebda wieħed mill-krediti imsemmija fl-**Artikolu 2156** ma huwa kreditu ta' obbligazione di fare, imma huma kollha obbligazzjonijiet għall-ħlas ta' flus. Dan iġib miegħu l-effett li l-obligazzjoni li kontra tagħha titressaq eċċezzjoni bħal din trid tkun waħda għall-ħlas ta' flus.*

*Illi f'dan ir-rigward il-Qorti rat sentenza tal-Prim'Awla tal Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet '**Giovanni Mifsud vs Giuseppe Pullicino**' deċiża fid-19 ta' Ottubru 1954, fejn ingħad illi:*

*"Jidher illi l-krediti imsemmija fid-dispożizzjoni tal-liġi 'l fuq indikata jirrigwardaw bħala regola dawk li jkollhom bħala oġġett flus; jiġifieri dawk tal-prestazzjonijiet aċċessorji, jirrigwardaw dejjem oġġett li jkun flus, u dawk tal-prestazzjonijiet prinċipali jirrigwardaw oġġett li jkun jew flus jew ħaġa funġibbli bħal ma huma l-flus. Kull kreditu ieħor, hemm imsemmi ma għandux jiftiehem illi jista' jkun kwalunkwe kreditu jkun li jkun, imma dak biss li mhux imsemmi espressament fl-istess dispozizzjoni u li jkollu l-istess natura bħal flus."*

*Illi dan ifisser li din il-preskrizzjoni tapplika għal żewġ ordni ta' krediti, jiġifieri l-prestazzjonijiet aċċessorji jkunu liema jkunu, u wħud mill-prestazzjonijiet ewlenin jew prinċipali. Tal-ewwel jirrigwardaw dejjem oġġett li jkun flus, filwaqt li tat-tieni jirrigwardaw flus jew ħaga funġibbli bħalma huma l-flus."*

Il-Qorti tqis li dan l-artikolu huwa applikabbli għall-każ tal-lum tenut kont in-natura tat-talbiet tal-attriċi.

Dwar il-mument li fih l-azzjoni odjerna setgħet tiskatta din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk fil-kaz **Penza Tarmac Ltd vs Zoqdi Hydro Rocks Construction Ltd deċiż fit-28 t'April 2016**[3] **-**

*L-Artikolu 2137 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi hekk:*

*"Bla hsara ta' dispozizzjonijiet ohra tal-ligi, il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dak inhar li din l-azzjoni tista' tiġi eżerċitata; mingħajr ma jittieħed qies tal-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss, u dan b'applikazzjoni tal-prinċipju li ż-żmien preskrittiv jgħaddi biss minn dakinhar li*

[3] Rik Gur 1051/2007

*jkun tnissel id-dritt jew setgħet tinbeda l-azzjoni. Dan il-prinċipju huwa mibni fuq il-massima li "actio non natae non praescribititur"*[4] *(Ara wkoll f'dan is-sens is-sentenza fl-ismijiet* ***Albert Mizzi noe vs Anthony Cauchi et*** *deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-23 ta' Settembru 2009.)*

*Illi inoltre l-inerzja ma timpedix d-dekors tal-perjodu preskrittiv ai fini tad-determinazzjoni tal-preskrizzjoni purche` din l-inerzja mhix dovuta għall-impossibilita` li jaġixxi. Il-kliem testwali tal-artikolu fuq ċitat fis-sens li t-terminu estentiv jibda jiddekorri "minn dakinhar li l-azzjoni tista' titmexxa" jirreferu għall-kawżi ġuridiċi li jistgħu ikunu ta' xkiel għall-azzjoni u mhux għal kawżi purament fattwali, per eżempju, għal xi diffikolta` fattwali li seta' jirriskontra t-titular tad-dritt soġġettiv diment li dawn ma jqegħduhx fl-impossibilita` li jaġixxi."*

Għalhekk, il-mument minn meta tibda tiddekorri l-preskrizzjoni, it-terminu statutorju, huwa minn meta jkunu seħħew l-eventi lamentati, u mhux minn meta l-persuna konċernata tinduna biha. It-test huwa kwindi wieħed oġġettiv.[5]

Marbuta ma' dan l-artikolu l-Qorti jeħtiġielha tevalwa kemm il-perjodu li minnu bdiet tiddekorri l-preskrizzjoni ai termini tal-artikolu 2137 suċċitat, kif ukoll il-ġurament li d-debitur **irid jieħu** ai termini tal-artikolu 2160 tal-Kap 16 li jipprovdi hekk -

*(1) Il-preskrizzjonijiet imsemmija fl-artikoli 2147, 2148,2149,* ***2156***[6] *u 2157, m'għandhomx effett jekk il-partijiet li jeċċepuhom, ma jagħtux ġurament minn*

[4] **John Grech vs Ivan Mifsud et** P.A. deciza fl-1 ta' April 2003
[5] Għalkemm frankament il-Qorti ma tistax tifhem kif soġġettivament l-attriċi damet daqshekk biex tavanza dawn il-lanjanzi kif ġia ngħad.
[6] Tipa grassa u sottolinear b'enfasi tal-Qorti

*jeddhom waqt il-kawża li mhumiex debituri, jew li ma jiftakrux jekk il-ħaġa ġietx imħallsa.*

*(2) Jekk il-ġurament jingħata mill-werrieta tal-persuna li tagħha l-attur jippretendi li kien kreditur, jew minn oħrajn li l-jeddijiet tagħhom ġejjin mingħand dik il-persuna, il-preskrizzjonijiet fuq imsemmija ma jkollhomx effett jekk huma ma jistqarrux li ma jafux li l-ħaġa għandha tingħata.*

*(3) Fil-proċeduri għall-ġbir ta' debiti li għalihom hemm referenza fil-proviso għall-artikolu 2156, meta parti tagħti ġurament li hija mhijiex debitur, din trid tagħti raġunijiet għaliex qed tqis lilha nnifisha li mhijiex debitur."*

Fir-rigward ta' l-ewwel kriterju li jeħtieġ jiġi sodisfatt sabiex tirnexxi din l-eċċezzjoni, u ċioe' minn meta jibda jiddekorri l-preskrittiv, kif ingħad fis-suespost, dan jibda għaddej minn dakinhar li setgħet tiġi eżerċitata l-azzjoni.

Fil-każ odjern, l-ilmenti marbuta mal-kawża odjerna seħħew sal-2002 u kwindi sa massimu f'dik is-sena beda jiddekorri t-terminu preskrittiv b'dana li l-azzjoni tkun meqjusa allura preskritta stante li l-proċeduri odjerni ġew intavolati fl-2022.

L-ewwel kriterju huwa għalhekk sodisfatt.

Dwar it-tieni kriterju, li huwa dak li jirrigwarda t-teħid ta' ġurament mid-debitur ai termini tal-artikolu 2160 tal-Kap 16, ingħad hekk fil-każ **Francesco Portelli pro et noe vs Anthony Degiorgio et deċiża fl-24 ta' Ġunju 2021 -**

*"Dwar it-tieni element u ċioe' dak tal-ġurament tad-debitur hekk kif rikjest mill-Artikolu 2160 tal-Kodiċi Ċivili (Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta) jingħad li bl-*

*emendi li ġew introdotti bl-Att numru 1 tal-2017 li daħal fis-seħħ fit-tlettax (13) ta' Jannar tas-sena elfejn u sbatax (2017) fil-kaz odjern din il-Qorti ghandha tikkunsidra mhux biss id-dekors tal-ħames snin kif eċċepiet mill-konvenuti pero' f'eċċezzjoni bħal din għandhom ukoll jiġu sodisfatti l-elementi kontenuti fl-artikolu 2160 (1) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*F'dan ir-rigward ta' rilevanza hija s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fl-ismijiet* **Bottega Del Marmista Ltd -vs-Paul Mifsud et** *deċiża fis-26 ta' Jannar, 2018 fejn ingħad:*

*'… Imbagħad fis-seduta tal-25 ta' Jannar, 2017 il-konvenuti xehedu li m'għandhomx jagħtu lis-soċjeta' attriċi (fol. 38 u 39). Pero' dan ma kienx każ fejn il-konvenuti ngħataw il-ġurament deċiżorju iżda fejn huma xehdu minn jeddhom. Għalhekk ma jistgħux jiġu applikati l-prinċipji tal-ġurament deċiżorju. Il-Qorti żżid li bl-Att 1 tal-2017, li daħal fis-seħħ fit-13 ta' Jannar, 2017, saret emenda kardinali fl-Artikolu 2160 tal-Kodiċi Ċivili. Qabel dakinhar id-disposizzjoni kienet tikkontempla l-possibilta' lill-attur li jagħti l-ġurament deċiżorju lill-konvenut:*

*'Il-preskrizzjonijiet imsemmija fl-artikoli 2147, 2148, 2149, 2156 u 2157 m'ghandhomx effett jekk il-partijiet li jeċċepuhom, meta jinghata lilhom il-ġurament, ma jistqarrux li mhumiex debituri, jew li ma jiftakarx jekk il-ħaġa ġietx imħallsa'.*

*Bl-emenda li saret bl-Att 1 tal-2017 il-leġislatur impona fuq il-konvenut l-obbligu li jieħu l-ġurament u fin-nuqqas il-konvenut ma jkunx jista' jieħu benefiċċju mill-preskrizzjonijiet qosra. Ovvjament, l-konsegwenzi legali li żviluppaw mill-ġurisprudenza dwar il-ġurament deċiżorju li ssemmew mill-ewwel qorti, kienu japplikaw f'xenarju partikolari ċjoe' meta l-attur jagħti l-*

*ġurament lill-konvenut. Fil-każ in eżami l-konvenuti xehdu minn jeddhom. 'Il fatt li hi l-liġi li timponi fuq il-konvenut li jixhed biex ikun jista' jinvoka l-preskrizzjonijiet qosra, ma jbiddel xejn. Għaldaqstant, illum irrispettivament x'jixhed il-konvenut minn jeddu meta jieħu l-ġurament kontemplat fl-artikolu 2160 tal-Kodiċi Ċivili, l-attur għandu kull dritt li jagħti prova li kien hemm interruzzjoni jew rinunzja għall-preskrizzjoni. Din kienet wara kollox ukoll il-posizzjoni qabel l-emenda tal-artikolu 2160 tal-Kodiċi Ċivili meta l-konvenut kien jagħżel li jixhed minn jeddu.'*

*Qabel l-introduzzjoni tal-emendi l-posizzjoni kienet differenti fejn '… Jekk l-attur jagħżel il-mezz tal-ġurament, u l-konvenut ikun ħalef skont il-liġi, l-attur ma jkunx jista' jagħżel mezz ieħor, billi meta l-kreditur jitlob li jingħata lid-debitur il-ġurament, dan ifisser li hu qiegħed jirritjieni bħala ammissibli l-preskrizzjoni eċċepita u li ma kienx hemm sospensjoni jew interruzzjoni tagħha, u li jrid jipprova l-mezz estrem tad-dilazzjoni tal-ġurament. B'dan il-mezz huwa jkun qiegħed jirrimetti ruħu fil-kuxjenza tad-debitur.'*

*Illi għalhekk il-posizzjoni tad-debitur illum inbidlet radikalment stante li issa l-posizzjoni tiegħu fl-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni saret waħda attiva u dan fis-sens li huwa l-konvenut innifsu li minn jeddu u bil-ġurament tiegħu waqt il-kawża għandu jikkonferma li m'huwiex debitur. Fis-*sentenza **P & S (C-4860) et -vs- Noel Zammit et** *deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar is-16 ta' Frar, 2018 ġie eżaminat fil-fond l-effetti tal-emendi fuq l-Artikolu 2160 u hekk ingħad:*

*'…Li forsi ma fhemx il-Konvenut hu, li l-eċċezzjoni taħt artiklu 2156(f) u (d) tal-Kodiċi Ċivili ma tirnexxix għas-sempliċi raġuni li jkunu għaddew ħames snin. It-terminu imsemmi fir-rigward tal-artikli 2156(d) u (f) tal-Kodiċi Ċivili huwa biss wieħed u mhux l-uniku ingredjent biex tirnexxi din id-difiża. Dak li*

*jiddisponi dan l-artiklu jrid ikun abbinat mal-ingredjent l-ieħor kumulattiv ta' natura proċedurali, li jikkommina l-artiklu 2160 (1) tal-Kodiċi Ċivili.*

*20. Dan l-artiklu jistabilixxi, li min irid jipprevalixxi ruħu mill-benefiċċju ta' preskrizzjoni partikulari ossia brevi, għandu (i)* ***jixhed minn jeddu*** *u (2) jagħti l-ġurament waqt il-Kawża li* ***ma hux debitur****. L-anqas ma jista' jgħid li* ***ma jiftakarx li l-ħaġa ġiet imħallsa****, għaliex dan ix-xorta ta' ġurament huwa riservat għall-eredi tad-debitur tant li fit-test tal-liġi il-kliem użat huwa "ma jiftakrux" (ara Deċiżjoni fl-ismijiet Vincenzo Cauchi -vs- Giovanni Scerri tal-Qorti tal-Kummerċ, 28 ta' Ottubru 1955).*

*21. Minkejja t-tibdil fil-liġi kif fuq ingħad, dawn iż-żewġ formuli ta' ġurament xorta baqgħu sagramentali, u kull devjazzjoni minnhom ma tiswiex ai fini ta' dawn ix-xorta ta' eċċezzjonijiet. Li tghid li d-dejn huwa preskritt, mingħajr ma tuża t-test li trid il-liġi, ma jiswiex biex tirnexxi din ix-xorta ta' eċċezzjoni. Ma hux kompitu tal-Konvenut li jasal għall-konklużjonijiet legali. Il-kompitu tiegħu hu li jimxi skont dak li jitlob l-artiklu imsemmi. …'."*

Mill-atti ma jirriżultax li l-konvenut ottempra ruħu ma dan ir-rekwiżit stante li ma ħax il-ġurament deċiżorju fil-proċeduri odjerni.

**A bażi ta' dan in-nuqqas, allura l-eċċezzjoni ma tistax tiġi akkolta.**

Għal kull buon fini, peress li l-Qorti qieset li l-artikolu ta' preskrizzjoni applikabbli għall-każ tal-lum huwa l-artikolu 2156 (f) tal-Kap 16, allura ma japplikax l-artikolu 1027 tal-Kap 16 stante li dan l-artikolu japplika meta ma jkunux applikabbli d-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Ċivili dwar il-preskrizzjoni.

**It-tieni eċċezzjoni hija għalhekk miċħuda.**

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi –**

**1. Tiċħad it-tieni eċċezzjoni tal-konvenut Mario Spiteri;**

**2. Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut u tiddikjara l-proċeduri odjerni bħala frivoli u vessatorji;**

**3. Tiċħad għalhekk it-talbiet attriċi u in vista' ta' dak konkluż fis-sentenza tordna lill-attriċi tħallas hi l-ispejjeż ta' din l-istanza għax nonostante li ċaħdet it-tieni eċċezzjoni minħabba nuqqasitajiet għal konvenut tqies li din il-kawża tressqet b'abbuz tal-proċess ġudizzjarju.**

**Onor. Miriam Hayman LL.D.**
**Imħallef**

**Maraya Aquilina**
**Dep. Reġ.**